**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili**

**Imħallef**
**Onor. Robert G. Mangion**

**Seduta tas-26 ta' Settembru, 2023**

**Kawża Numru: 6**

**Rik. Ġur. 1079/2020 RGM**

**Dustan Camilleri; Conrad Busuttil; Joseph Buhagiar; Frankie Sciberras; Emanuel Pisani; Norman Xuereb; Terence Azzopardi.**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija;**

**Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;**

**Segretarju Permanenti Ewlieni;**

**Uffiċċju tal-Prim Ministru.**

**Il-Qorti**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi ppreżentat fis-16 ta' Novembru 2020 fejn fissru kif huma kollha uffiċċjali tal-Pulizija fit-taqsima tat-Traffiku u li fi Frar 2020 huma ġew arrestati u investigati dwar allegazzjonijiet ta' frodi fl-*extra duty* li kienu jagħmlu ma Infrastructure Malta. Spjegaw li peress huma kienu għalqu l-ħamsa u għoxrin sena servizz mal-Korp tal-Pulizija, huma ingħataw iċ-ċans li jirriżenjaw minn Pulizija. Ippremettew li huma lkoll kienu tefgħu l-ittra ta' riżenja liema ntlaqat mingħajr ebda kundizzjoni. Fissru wkoll li wara li taw ir-riżenja tagħhom, f'Marzu 2020 ġew infurmati verbalment li l-ammont ta' pensjoni li ser jieħdu huwa nofs ta' dak li huma intitolati għalih. Din l-informazzjoni qatt ma ingħatatilhom bil-miktub u lanqas jafu min kien li ħa din id-deċiżjoni. B'ittra tal-14 ta' Mejju 2020 mibgħuta mill-Ministeru għal Għawdex Sezzjoni Pensjoni tas-Servizzi kull wieħed ġie indikat l-ammont tal-pagamenti tal-pensjoni tat-Teżor u d-dati ta' meta dawn il-pagamenti ser jidħlu fil-kontijiet bankarji rispettivi tagħhom. L-ewwel pagament tal-pensjoni kien f'Mejju 2020 li kien jinkludi l-pensjonijiet ta' Frar, Marzu, April u Mejju 2020 u pagamenti oħrajn li ġew wara, huma kollha nofs l-ammont tal-pensjoni li huma intitolati li jieħdu. Fissru li qabel ma tefgħu r-riżenja huma ma kinux ġew infurmati li ser jieħdu nofs il-pensjoni. L-atturi insistew ukoll li sal-ftuħ tal-kawża ma kinux ġew infurmati uffiċċjalment bil-miktub liema awtorità ħadet id-deċiżjoni u liema kriterji ttieħdu inkonsiderazzjoni u meta ġew infurmati verbalment dwar it-tnaqqis fil-pensjoni l-investigazzjonijiet dwarhom kienu għadhom għaddejjin tant li l-anqas akkużi ma kienu għadhom ħarġu fil-konfront tagħhom. Jippremettu li b'tali għemil amministrattiv, il-konvenuti kisru l-Kostituzzjoni kif ukoll naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv liema għemil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità tal-konvenuti. Ippremettew ukoll li b'konsegwenza ta' dan l-aġir l-atturi sofrew danni konsistenti f'telf ta' qliegħ tal-pensjoni tagħhom. Kien għalhekk li huma resqu din l-azzjoni u fiha talba lil din il-Qorti

   "1. Tiddikjara null, invalidu u mingħajr effett l-għemil tal-konvenuti u dana meta l-istess iddeċidew li jnaqqsu il-pensjoni ta-Servizz tal-Pulizija bin-nofs tal-ammont sħiħ li l-atturi huma intitolati għalih u dana ai termini ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

   2. Tordna illi konsegwentement, l-atturi jingħataw u jibqgħu jingħataw l-ammont kollu tal-pensjoni tas-Servizz tal-Pulizija sħiħa minn meta huma irriżenjaw mill-Korp tal-Pulizija.

Bl-ispejjeż u kif ukoll spejjeż tal-ittra uffiċċjali datata 14 ta' Ottubru 2020 u minn issa l-konvenuti jibqgħu nġunti għas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija (minn issa 'l quddiem 'il-Kummissarju') ippreżentata fit-8 ta' Jannar 2021 fejn in linea preliminari ġew eċċepieti s-segwenti eċċezzjonijiet:

   a. L-atturi naqsu milli jindikaw taħt liema subartikolu u/jew paragrafu tal-Artikolu 469A u għalhekk timmina d-difiża tiegħu u r-riżerva li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri meta tiġi kjarifikata din l-anomalija;
   b. It-talba numru tnejn hija improponibbli stante li l-azzjoni a tenur tal-Artikolu 469A ma tippreffiġġiex azzjoni ex delicto u/jew azzjoni taħt il-poteri residwali tal-Qorti Ċivili għal irkupru ta' flejjes.

   Fil-mertu eċċepixxa li l-fatti kif dikjarati mill-atturi qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ li jiġu ppruvati. Spjega li fis-6 ta' Ġunju 2020 huwa bagħat ittra legali lill-avukat ta' fiduċja tal-atturi fejn fiha spjega formalment u bil-miktub ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu meħuda f'Marzu 2020 li kienet ikkomunikata lilhom b'mod verbali għalhekk m'huwiex minnu li l-atturi m'humiex infurmati bil-motivazzjoni wara d-deċiżjoni impunjata fil-kawża odjerna. Fisser li għalhekk huwa aderixxa mal-prinċipju legali illi jimmotiva d-deċiżjoni amministrattiva kemm b'mod verbali kif ukoll bil-miktub. Eċċepixxa wkoll li l-atturi ddeċidew li jirriżenjaw mill-Korp tal-Pulizija minn jeddhom u għalhekk ir-riżenja kienet waħda volontarja. Il-Kummissarju fisser li ai termini tar-Regolament 11 tar-Regolamenti tal-1990 dwar il-Pensjonijiet tal-Pulizija li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Att dwar il-Pulizija (Kapitolu 164), il-pensjonijiet jingħataw biss fil-każ tas-servizz li jkun sar b'fedelta u b'mod meritevoli u meta l-bżulija u l-fedelta tal-uffiċjal ma jilħqux l-ewwel grad ta' mertu, il-kalkolu jista' jsir b'rati anqas. B'dan ifisser li l-allegazzjoni tal-atturi li d-deċiżjoni ttieħdet mingħajr ebda bażi legali fil-liġi hija infondata. Mingħajr preġudizzju eċċepixxa li huwa jirrespinġi bil-qawwa li kien hemm xi nuqqas fit-twettiq tal-poteri fdati lilu senjatament li naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil. Eċċepixxa li huwa ċert li huwa ma aġixxiex in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli u għalhekk ai termini tal-Artikolu 469A (5), il-Kummissarju m'għandu jwieġeb għal ebda danni. Finalment eċċepixxa li għalkemm il-Qorti tista' tissindika d-deċiżjoni amministrattiva, l-istess tista' tordna illi d-deċiżjoni amministrattiva tittieħed mill-ġdid abbażi tal-

konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti u mhux li tarroga fuqha l-poter ta' deċiżjoni li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (minn issa 'l quddiem 'il-Kummissjoni') ippreżentata fit-13 ta' Jannar 2021 fejn in linea preliminari eċċepiet li,

   a. L-azzjoni odjerna hija improponibbli stante li l-Kostituzzjoni tipprekludi lill-Qrati milli tissindika allegat aġir magħmul mill-Kummissjoni u dan ai termini tal-Artikoli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni;
   b. L-atturi ma indikawx taħt liema subinċiż tal-Artikolu 469A qiegħda ssir l-azzjoni u irriżervat li tagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri;
   c. L-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 mhux applikabbli fil-konfront tal-Kummissjoni peress li dak li qiegħed jintalab jiġi mistħarreġ ma jaqax fit-tifsira ta' egħmil amministrattiv li jinsab fis-sub-inċiż (2) tal-Artikolu 469A u dan għaliex il-Kummissjoni hija limitata għal rakkomandazzjoni u mhux li tiddetermina kwistjoni b'sentenza finali.

Fil-mertu imbagħad eċċepiet li hija dejjem aġixxiet skont id-dettami tal-liġi u entro l-parametri tal-istess liġi u regolamenti u dejjem osservat il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil tagħha u fid-deliberazzjonijiet magħmula minnha. Il-Kummissjoni wkoll qiegħda tikkontesta l-fatti kif dikjarati mill-atturi u dan peress li ssostni li ma seħħet ebda irregolarita jew illegalita min-naħa tagħha fir-rigward tat-talbiet tal-atturi u ma mxietx ultra vires, la b'abbuż ta' poter u wisq aktar b'mala fede. Il-Kummissjoni fissret li ai termini tas-Sezzjoni 6.6.3 tal-Public Service Managament Code (PSMC) il-Kummissarju informa lil People and Standards Division (P&SD) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru illi numru ta' pulizija fosthom l-atturi kienu qegħdin jiġu investigati u pendenti l-investigazzjoni dawn iddeċidew li jirtiraw mis-servizz wara ħamsa u għoxrin sena servizz. Il-P&SD permezz ta' ittra datata 26 ta' Marzu 2020 talbu konkorrenza m'għand il-Kummissjoni ai termini tal-imsemmija sezzjoni fil-PSMC u ai termini tal-Artikolu 114 (1) tal-Kostituzzjoni għad-deċiżjoni sabiex jiġu sospiżi l-pensjonijiet. Wara li ħadet konjizzjoni tal-fatti tal-każ u l-artikolu relevanti. Il-Kummissjoni qablet mas-sospensjoni tal-pensjonijiet tal-atturi pendenti l-proċeduri kriminali u tat il-parir tagħha lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Fissret li l-pensjonijiet tal-atturi qegħdin jiġu sospiżi sakemm jiġu deċiżi finalment il-kawżi kriminali u jinsabu depożitati f'kont pubbliku fil-Bank Ċentrali ta' Malta. Eċċepiet li skont l-Artikolu 114 (1) tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni ma żżommx, tnaqqas jew tissospendi ammonti ta' benefiċċji fosthom pensjonijiet iżda l-

involviment tagħha huwa limitat għal qbil ma' din id-deċiżjoni. Fir-rigward tat-tieni talba, il-Kummissjoni eċċepiet li din ma tistax tintlaqa' u dan stante li f'azzjonijiet bħal din il-Qorti hija prekluża milli tagħti rimedju u milli tieħu deċiżjoni minflok l-awtorità kompetenti, iżda hija limitata li tordna li tħassar id-deċiżjoni in kwistjoni. Finalment il-Kummissjoni eċċepiet li l-premessi tal-azzjoni diretti għall-kisba ta' danni konsisteti f'allegat telf ta' qligħ ta' pensjoni huma infondati u dan peress illi annullament ta' att amministrattiv minn awtorita pubblika ma jwassal għall-ħlas ta' arretrati ta' pensjoni u dan għaliex skont l-Artikolu 469A(5) l-għoti ta' danni huwa previst biss jekk ikun ippruvat illi l-awtorità pubblika aġixxiet in mala fede, b'mod irraġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-atturi setgħet legalment u raġonevolment tiġi miċħuda taħt kull setgħa oħra.

4. Rat ir-risposta ġuramentata tas-Segretarju Permanenti Ewlieni u tal-Uffiċju tal-Prim Ministru ppreżentata fl-20 ta' Jannar 2021 fejn eċċepew li l-atturi naqsu milli jindikaw is-sub-inċiż tal-Artikolu 469A u rriżervaw li jagħmlu eċċezzjonijiet ulterjuri. Preliminarjament ukoll eċċipew li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ġie mħarrek inutilment u dan għaliex il-ġudizzju huwa integru bil-presenza tas-Segretarju Permanenti Ewlieni li huwa il-Kap tas-Servizz Pubbliku fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Fil-mertu eċċepew li huma dejjem imxew entro l-parametri tal-liġi u tal-manwali li jispeċifikaw il-proċedura ta' meta jkun hemm lok biex xi benefiċċju jista' jiġi mnaqqsa, miżmuma jew sospiża u għaddew biex jagħmlu referenza wkoll għar-Regolament 6.6.3 tal-PSMC kif ukoll l-Artikolu 114 (1) tal-Kostituzzjoni. Spjegaw ukoll li l-pensjoni tas-servizz ma tingħatax awtomatikament u dan ai termini tar-Regolament 11 tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 164 u għalhekk m'huwiex minnu li d-deċiżjoni ttieħdet mingħajr ebda bażi legali. Ċaħdu wkoll li kien hemm xi forma ta' diskriminazzjoni jew ksur tal-Kostituzzjoni jew prinċipji ta' ġustizzja naturali u ħtiġijiet proċedurali mandatorji fil-konfront tal-atturi. F'din ir-risposta ġuramentata saret ukoll referenza għall-Artikolu 469A (5) u ingħad li annullament ta' att amministrattiv kommess minn awtorità pubblika ma twassalx għall-ħlas ta' arretrati ta' pensjoni sakemm ma jiġix ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi li l-awtorità aġixxiet in mala fede, b'mod irraġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-atturi setgħet legalment u raġonevolment tiġi miċħuda taħt kull setgħa oħra. Fir-rigward tat-tieni talba, eċċepew ukoll li l-Qorti ma għandhiex l-poteri li tieħu deċiżjonijiet amministrattivi hi.

5. Rat l-atti kollha tal-kawża.

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ppreżenetata fis-16 ta' Jannar 2023[1], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentata fil-21 ta' Frar 2023[2], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ppreżentata fil-21 ta' Frar 2023[3] kif ukoll in-nota ta sottomissjonijiet tar-rimanenti konvenuti ppreżentata fit-2 ta' Marzu 2023.[4]

7. Wara li semgħet it-trattazzjoni finali l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**

8. Xehed permezz t'affidavit l-attur **Dustan Camilleri** fejn spjega li fit-12 ta' Frar 2020 ġie imsejjaħ b'telefonata sabiex jirrapporta fl-uffiċju tas-CID tal-Pulizija u meta wasal hemm ġie arrestat u ġie infurmat li dan kien marbut ma' allegat frodi ta' extra duty li huwa wettaq ma' Infrastructure u Trasport Matla. Jispjega li huwa ġie investigat mill-Ispettur Rennie Stivala u l-Ispettur Bernard Bunce. Jgħid li l-Ispettur Stivala qallu waqt l-arrest li l-Korp ser itih iċ-ċans jirriżenja u dan peress li kien għalaq il-ħamsa u għoxrin sena servizz u hekk ma jittieħdux passi dixxiplinarji kontrih u ma jitlifx il-Pensjoni tas-Servizz. Waqt li kien għadu arrestat huwa tkellem mal-avukat tiegħu u iddeċieda li jirriżenja. Fit-13 ta' Frar 2020 huwa ġie skortat mil-lock up għall-uffiċju tar-Riżorsi Umani u hemmhekk tefa l-ittra ta' riżenja u jgħid li din ġiet aċċettata mingħajr ebda kundizzjoni, tant li sa dak il-ħin ħadd ma informah li l-pensjoni tista' titnaqqas bin-nofs u meta staqsa jekk jistax jerġa' jaħsibha ġie infurmat li jekk ma jagħtix ir-riżenja tiegħu huwa jiġi sospiż u jista' jinstab ħati jew jeħel R/A u jista' jitlef il-pensjoni. Għal bidu ta' Marzu 2020 irċieva telefonata sabiex jirrapporta l-Internal Affairs Unit fid-depot u hemm sab xi wħud mill-kollegi tiegħu li kienu tefgħu r-riżenja. Hemm ġie infurmat verbalment mill-Ispettur Jurgen Vella li l-Kummissjoni aċċettat ir-riżenja tiegħu u li bħala pensjoni ġie deċiż li ser jieħu nofs l-ammont tal-pensjoni li kien intitolat għaliha u wkoll li ma jieħu xejn minħabba l-investigazzjoni li kienet għaddejja. Jgħid li huwa stenna li jiġi infurmat b'dan bil-miktub kif ukoll min ħa din id-deċiżjoni. Insista li din id-deċiżjoni ittieħdet meta kienu għadhom għaddejjin l-investigazzjonijiet

[1] Fol 939 et seq tal-proċess.
[2] Fol 947 et seq tal-proċess.
[3] Fol 958 et seq tal-proċess.
[4] Fol 979 et seq tal-proċess.

u lanqas kienu biss tressqu l-Qorti. Kien fl-14 ta' Mejju 2020 li rċieva ittra tindika l-ammont ta' pensjoni li kien ser jieħu.

9. In kontro-eżami jgħid li kien minn rajh li rriżenja u għamel hekk għax ħassu umiljat. Jgħid ukoll li għalkemm ħadd ma kien qallu li ser jieħu l-pensjoni kollha ħadd lanqas ma qallu li ser jieħu nofs il-pensjoni. Jgħid li ma jafx x'jgħid ir-Regolament 11 [tar-Regolamenti tal-1990 dwar il-Pensjonijiet tal-Pulizija].

10. Xehed permezz t'affidavit l-attur **Conrad Busuttil** fejn spjega li fil-11 ta' Frar 2020 waqt li kien xogħol *second watch* irċieva telefonata biex jirrapporta ġewwa l-uffiċju tas-CID jieħu miegħu il-mutur tas-servizz. Meta wasal hemm indikawlu jibqa' sejjer fil-bitħa tal-lock up u hemm ġie infurmat li kien jinsab taħt arrest. Jispjega li l-mutur tiegħu ġie konfiskat, ittieħdu ritratti tal-mutur u tbattal ukoll mill-affarijiet u ġew ikkonfiskati. Wara xi ħin arrestat ġie skortat għand l-Ispettur Jurgen Vella u hemm huwa ġie infurmat li kien arrestat minħabba allegat ħasil ta' flus, serq ta' fuel, tixħim u arranġamenti ta' kontravenzjonijiet u frodi fejn jidħol *extra duty.* Fit-12 ta' Frar 2020 huwa talab li jkellem avukat tal-fiduċja tiegħu. Jgħid li fil-preżenza tal-avukat tiegħu ġie infurmat li mill-investigazzjoni ħareġ li huwa kien skarta minn fuq l-extra duty li kien jagħmel ma' Infrastructure Malta u għalhekk kien ser jitressaq quddiem il-Qorti fuq frodi. Jgħid li l-Ispettur Jurgen Vella informah li l-Korp ser itih ċans jirriżenja peress li kien għalaq ħamsa u għoxrin sena servizz u ma jittieħdux passi dixxiplinarji kontrih u ma jitlifx il-pensjoni. Jgħid li fit-12 ta' Frar 2020 għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija ġie rilaxxat u ingħata struzzjonijiet biex imur fit-taqsima tar-riżorsi umani biex jingħata karta ta' sospensjoni jew jitfa' r-riżenja. Jgħid li huwa ma rridx jirreżenja u kien għalhekk li ingħata ittra tas-sospensjoni. Kien biss fl-14 ta' Frar 2020 wara li ltaqa mal-avukat tiegħu li ddeċieda li jirriżenja mill-Korp. Kien fis-17 ta' Frar 2020 li huwa ta r-riżenja tiegħu wara li rritorna l-affarijiet kollha relatati max-xogħol tiegħu. Jgħid li huwa kien irċieva telefonata wara xi ġimgħat li ta r-riżenja tiegħu sabiex imur id-depot u hemm kien kellmu l-Assistant Kummissarju Haber fejn informah verbalment li bħala pensjoni kien ġie deċiż li jieħu nofs l-ammont tal-pensjoni li kien intitolat għaliha u dan minħabba l-investigazzjoni li kienet għaddejja. Jgħid li stenna li jkun infurmat bil-miktub b'din id-deċiżjoni u min kien ħa din id-deċiżjoni. Spjega li fl-14 ta' Mejju 2020 irċieva ittra tindika l-ammont ta' pensjoni li kien ser jingħata.

11. In kontro-eżami jikkonferma li r-riżenja tiegħu ma ġietx milqugħa bil-kundizzjoni speċifika li ser jingħata l-pensjoni kollha. Jgħid li huwa kien jaf li jekk jibqa' fil-Korp u jiġi sospiż kien ser jieħu nofs is-salarju però ma tkellmux dwar x'jieħu jekk jirriżenja f'dawk iċ-ċirkostanzi hu lanqas għamel domandi għax huwa assuma li ser jieħu l-

pensjoni *in full.* Jikkonferma li sussegwentement kien ġie infurmat verbalment li kien ser jieħu nofs il-pensjoni. Jikkonferma li huwa kien irriżenja minn jeddu. Jgħid ukoll li huwa ma jafx x'tgħid il-liġi eżatt dwar il-pensjonijiet. Jgħid li Haber lilu kien informah li l-pensjoni bin-nofs kienet waħda temporanja sakemm jiġu konklużi l-investigazzjonijiet u l-proċeduri kriminali.

12. Xehed l-attur **Joseph Buhagiar** permezz t'affidavit fejn spjega li fil-11 ta' Frar 2020 għall-ħabta tad-9:30 ta' filgħodu irċieva telefonata mingħand l-Ispettur Brian Paul Camilleri mis-sezzjoni tal-Economic Crimes Unit fejn informah li kellu jirrapporta ġewwa CID bil-mutur tas-servizz minnufih. Jgħid li meta mar hemm huwa ġie arrestat u infurmaw li qiegħed jiġi investigat fuq frodi li allegatament wettaq waqt il-ħin tal-*extra duty* li kien jagħmel ma' Infrastructure Malta. Fit-12 ta' Frar 2020 ġie rilaxxat għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar akkumpanjat mill-avukat tiegħu. Jgħid li dak inhar stess aktar tard ċempillu l-avukat tiegħu u qallu li jekk mhux ser jirriżenja illum stess, l-għada mhux ser iħalluh jirriżenja. Jgħid li huwa mar l-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani u hemm ġie infurmat mill-Maġġur Joseph Farrugia li jekk ma jirriżenjax kien ser jieħu nofs paga u jitlef il-pensjoni jekk il-Qorti ssibu ħati imqar R&A u jekk jirriżenja u jinsab ħati il-pensjoni jibqa' jeħodha. Jgħid li kien għalhekk li huwa iddeċieda li jirriżenja u jieħu pensjoni sħiħa. Jgħid li huwa ġie imsejjaħ sabiex fit-2 ta' Marzu 2020 jirrapporta għand l-Ispettur Jurgen Vella u meta mar hemm ġie infurmat verbalment mill-imsemmi Spettur li kien ġie deċiż li ser jingħata nofs l-ammont tal-pensjoni li kien intitolat għalih. Jgħid li huwa qallu li l-Maġġur Farrugia kien qallu mod ieħor u meta staqsa min kien ħa din id-deċiżjoni jgħid li l-Ispettur ma setax jgħidlu. Kien fl-14 ta' Mejju 2020 meta rċieva ittra tindika l-ammont ta' pensjoni li kien ser jingħata.

13. In kontro-eżami ikkonferma li l-Maġġur Farrugia ma kienx qallu li ser jieħu nofs il-pensjoni jew mhux ħa jieħu nofs jew li ħa jieħu l-pensjoni kollha iżda semmilu biss il-pensjoni. Jgħid li huwa m'huwiex konxju tar-Regolament 11 tar-Regolamenti dwar is-Servizzi tal-Pensjoni tal-1990. Għall-mistoqsija jekk kienx ġie infurmat li l-pensjoni ser jeħodha bin-nofs pendenti l-proċeduri kriminali, ix-xhud jgħid li le lilu ma qalulux hekk imma li ser jingħata nofs il-pensjoni. Jgħid li issa sar jaf u ċioe bir-risposta ġuramentata tal-Kummissjoni, li l-kumplament tal-pensjoni qiegħda tinżamm f'kont bankarju sakemm jiġi deċiż l-eżitu tal-investigazzjonijiet. Jikkonferma li huwa ppreżuma minn dak li qallu l-Maġġur Farrugia li huwa kien ser jirċievi pensjoni sħiħa.

14. Xehed l-attur **Francis Sciberras** permezz t'affidavit fejn spjega li fil-11 ta' Frar 2020 għal ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar irċieva telefonata mill-Ispettur Leanne Bonello sabiex jinżel l-uffiċċju u x'ħin mar hemm ġie infurmat li kien ser jiġi arrestat

minħabba allegat frodi dwar *extra duty* li kien jagħmel ma' Infrastructure Malta. Jgħid li l-Ispettur Bonello kienet qaltlu li jekk jinsab ħati jaf jitlef il-pensjoni. Jgħid li qal dik l-informazzjoni huwa kien iddeċieda li jirreżenja wara li ikkonsulta mal-avukat tiegħu. Jgħid li fl-ebda ħin ma ntqal li jekk jagħżel li jirriżenja kien ser jieħu nofs il-pensjoni. Jgħid li meta informa lill-Ispettur Bonello li kien ser jirreżenja hija rrilaxxatu. Jgħid li ġie skortat l-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani u hemm sab lil Maġġur Joseph Farrugia li kien aċċetta r-riżenja tiegħu mingħajr ebda kundizzjoni. Jgħid li tah formola biex jimla sabiex tintbagħat lill-uffiċċju tal-pensjonijiet f'Għawdex. Kompla jgħid li wara xi ġimgħat huwa rċieva telefonata sabiex l-għada it-Tnejn jirrapporta l-Kwartieri Ġenerali tal-Korp sabiex ikellmu l-Ispettur Jurgen Vella. Jgħid li huwa hekk għamel u Vella verbalment informah li kien ser jingħata nofs il-pensjoni minħabba li l-investigazzjoni kienet għada għaddejja. Kompla jgħid hekk: "Irrid nghid li sa dak iz-zmien l-anqas biss kienu ghadhom harguli xi tip ta' akkuzi. Jien ghamilt 29 sena fis-servizz u qatt ma gara kaz bhal tieghi. Il-prassi dejjem kienet jekk xi membru tal-korp jaghml jew jigi allegat li ghamel xi haga hazina, jigi sispiz (sospiz tiehu nofs paga), jingieb quddiem il-PSC jew jittella il-Qorti pero' qatt u qatt ma tithalla u jaccetawlek li tirrizejnja u wara iz-zmien jinfurmawk li ser jaghtuk nofs pensjoni."[5] Jikkonkludi l-affidavit tiegħu billi jgħid li f'Mejju 2020 irċieva bil-miktub l-ammont ta' pensjoni li huwa kien ser jibda jirċievi.

15. In kontro-eżami ikkonferma li huwa rriżenja mill-Korp wara li kien kellem avukat tal-fiduċja tiegħu. Jikkonferma li meta ta r-riżenja ma kienx sar diskors fuq kemm ser tkun il-pensjoni iżda biss li ser jieħu l-pensjoni.

16. Affidavit ieħor huwa dak ta' l-attur **Emanuel Pisani** fejn spjega li fil-11 ta' Frar 2020 irċieva telefonata m'għand l-Ispettur Leanne Bonello sabiex jirrapporta l-lock up tad-Depot bil-mutur tas-servizz. Jgħid li meta wasal ittieħdu ritratti tal-mutur u huwa ġie arrestat u ġie infurmat li ġie arrestat dwar frodi ta' *extra duty*. Jgħid li fuq insistenza tal-istess Spettur huwa kien inkariga avukat jassistih u jgħid li kien l-Ispettur li infurmat lill-avukat jara jekk il-klijent tiegħu jridx jikkunsidra jirreżenja mill-Korp u joħroġ bil-pensjoni. Jgħid li huwa għażel li jirreżenja. Fit-12 ta' Frar filgħaxija huwa ta l-ittra ta' riżenja tiegħu li ġiet aċċettata mingħajr ebda kundizzjoni. Jgħid li wara xi tlett ġimgħat huwa rċieva telefonata sabiex l-għada t-Tnejn jirrapporta l-Internal Affairs Unit u huwa mar u jgħid li kien kellmu l-Ispettur Jurgen Vella u kien informah li kien ser jingħata nofs il-pensjoni. Jgħid li wara xi żmien huwa rċieva ittra mis-Sezzjoni Pensjoni tas-Servizz bl-ammont ta' pensjoni li kien ser jingħata.

[5] Fol 76 tal-proċess.

17. In kontro-eżami huwa kkonferma li l-Ispettur Bonello la qaltlu li ħa jieħu pensjoni full u lanqas nofs, iżda jgħid li huwa assuma li kien ser jieħu l-pensjoni kollha għax li kieku kien jibqa' fil-pulizija u jibqa' b'nofs paga.

18. Xehed l-attur **Norman Xuereb** fejn huwa wkoll qal li fil-11 ta' Frar 2020 irċieva telefonata sabiex jirrapporta s-CID u meta għamel hekk huwa ġie arrestat minħabba frodi ta' *extra duty* li huwa kien jagħmel ma' Infrastructure Malta. Jgħid li L-Ispettur Stivala tah iċ-ċans jirriżenja mill-Korp u dan peress li kien għamel il-ħamsa u għoxrin sena servizz u ma jittieħdux passi dixxiplinarji kontrih u ma jitlifx il-pensjoni. Jgħid li huwa għażel li jirriżenja u kien fit-13 ta' Frar 2020 li huwa ta r-riżenja tiegħu u kien aċċettata mingħajr ebda kundizzjoni. Għal bidu ta' Marzu rċieva telefonata sabiex jirrapporta l-Internal Affairs Unit ġewwa d-depot u meta mar kellmu l-Ispettur Jurgen Vella li kien informah verbalment li ittieħdet deċiżjoni li ser jieħu nofs l-ammont tal-pensjoni li kien intitolat għaliha. Jgħid li kien fl-14 ta' Mejju 2020 li rċieva ittra bl-ammont ta' pensjoni li kien ser jingħata.

19. In kontro-eżami kkonferma li huwa r-riżenja għax ried hu. Meta ġie mistoqsi jekk l-Ispettur Stivala qallux li ser jieħu l-pensjoni in full, ix-xhud spjega hekk: "s-Sur Stivala lili qatt ma semmieli li jien jekk ha nirrizenja ha nitlef nofs il-penzjoni. Kieku s-Sur Stivala qalli li jekk nirrizenja jiena kont ha nitlef nofs penzjoni kont naghzel li nibqa' hemmhekk, niehu nofs paga, niehu tlettax-il paga, hemm diskrepanza ta' kwazi tlett mija u mhux tnax -il penzjoni hux hekk." Jikkonferma li l-Ispettur Stivala ma kwalifikahix li ser jingħata pensjoni in full u lanqas bin-nofs. Jgħid li huwa kien a konoxxenza tal-fatt li n-nofs tal-pensjoni l-oħra qiegħda tinżammlu f'kont appożitu.

20. L-attur **Terence Azzopardi** ukoll xehed permezz t'affidavit. Huwa spjega li fit-12 ta' Frar 2020, meta kien fuq *leave* ta' terminazzjoni (għaliex kien diġà ta r-riżenja tiegħu għax għamel il-25 sena servizz), ġie msejjaħ b'telefonata mingħand l-Ispettur Justin Camilleri sabiex jirrapporta s-CID. Meta wasal hemm ġie infurmat li kien qiegħed jiġi arrestat minħabba frodi ta' *extra duty* li huwa wettaq. Jgħid li madwar xahar wara huwa kien imsejjaħ jattendi quddiem il-Maġġur Joseph [Farrugia] fit-taqsima tar-Riżorsi Umani. Il-maġġur informah li l-Kummissarju kien qiegħed jissospendih fuq nofs paga. Jgħid li huwa spjega lil Maġġur li dan ma setax isir peress li kien fuq leave ta' terminazzjoni iżda huwa ġie imġiegħel jiffirma għas-sospensjoni tiegħu. Jgħid li wara s-7 t'April 2020 (u ċioe l-ġurnata li jiġi rilaxxat mill-Korp) huwa rċieva ittra mill-Jobs Plus li kien spiċċa is-servizz u li ma kienx jifforma aktar mill-Korp tal-Pulizija. Jgħid li rċieva ittra mid-Dipartiment tal-Pensjonijiet bil-pagamenti li kien ser jibda jirċievi.

Jgħid li huwa qatt ma ġie infurmat min-naħa tal-korp li kien ser jieħu nofs pensjoni. Jgħid li huwa kien tkellem mad-Dipartiment tal-Pensjonijiet kif ukoll mat-taqsima tar-Riżorsi Umani tal-Pulizija sabiex jara min kien ħa din id-deċiżjoni.

21. In kontro-eżami kkonferma li meta ġie mitkellem fi Frar 2020 huwa kien diġà fuq *termination leave.* Jgħid li huwa qatt ma kellu diskors dwar pensjoni.

22. Xehed quddiem il-Qorti l-**Ispettur Jurgen Vella** fejn spjega li huwa kien ġie mitlub jipparteċipa f'Investigazzjoni dwar it-taqsima tat-traffiku tal-Pulizija u ġie mogħti żewġ files ta' żewġ membri tal-korp tal-pulizija, wieħed minnhom ta' Conrad Busuttil u kien anke resqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati iżda l-każ għadu sub judice. Jgħid li waqt l-investigazzjoni l-atturi kienu marru fit-taqsima tar-riżorsi umani u talbu jirriżenjaw bil-pensjoni minħabba li huma kienu diġà għalqu l-ħamsa u għoxrin sena servizz. Ix-xhud ippreżenta sebgħa faxxikli wieħed għal kull attur rigwardanti t-talba għar-riżenja. Rigwardanti l-pensjonijiet, ix-xhud jgħid li l-involviment tiegħu kien li kellu jibgħat għal uħud mill-atturi sabiex jinformahom li l-pensjoni li kienu ser jieħdu kienet mnaqqsa u dan wara li kienu rriżenjaw. Dwar il-proċedura ta' riżenja x-xhud spjega li l-proċedura toħroġ mill-Kapitolu 164 u ċioe fejn l-individwu jagħmel talba lill-Kap tad-Dipartiment imbagħad il-Kap jilqagħha jew le. Jgħid li fil-maġġor parti dejjem jintlaqgħu u l-individwu jiġi infurmat. Dwar il-pensjonijiet jgħid li kien hemm diskussjonijiet min-naħa tal-P&SD u l-PSC u l-għola awtoritajiet tal-Pulizija. Jgħid li huwa ma kienx involut f'dawn id-diskussjonijiet. L-involviment tiegħu kien biss li jsejjaħ lill-atturi u jinfurmawhom bid-deċiżjoni li kienet ittieħdet. Spjega li huwa kien informahom bil-fomm b'din id-deċiżjoni. Jgħid li dik id-deċiżjoni kienet ġiet ikkonfermata mill-Aġent Kummissarju. Jikkonferma li l-atturi ma rċevewx id-deċiżjoni bil-miktub. Jikkonferma li kienet deċiżjoni minn ta' fuqhom li din l-informazzjoni tingħata bil-fomm u mhux bil-miktub. Jgħid li huwa ma ingħatax raġuni għalfejn din l-informazzjoni għandha tingħata bil-fomm. Ix-xhud spjega li wara li infurmaw lill-atturi bid-deċiżjoni li kienet ittieħdet, huma nformaw lit-Teżor b'din id-deċiżjoni. Jikkonferma li l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għadhom pendenti. Ix-xhieda tkompli hekk:

> "Xhud: Ha nispjegalek il-procedura tal-PSC. Meta ufficcjal pubbliku, f'dan il-kaz pulizija ikun mressqin quddiem Qorti Kriminali, il-PSC wara li judgement jigi res gudikat, il-PSC ma jaghmilx procedura amministrattiva pero jaghti piena skond is-sentenza tal-Qorti.
> Qorti: Imma minn wara li jigi mressaq.
> Xhud: Wara li jkun hemm decizjoni tal-Qorti. Wara li jkun hemm sentenza.

Qorti: Wara li jigi mressaq il-Qorti, sakemm tinghata sentenza finali, l-ufficcjal xi jsir mill-aspett ta' salarju? Ghax ahna qed nitkellmu fuq pensjoni. Setghu kienu fuq salarju u ma rrizenjawx.
Xhud: Fuq salarju l-procedura hija kwazi simili illi jinghataw nofs is-salarju. Dik hija r-regola u tohrog mill-PSC regulations.
Qorti: Imma imbaghad jekk jinstab illi, jekk jigi liberat minn kull akkuza, …
Xhud: Jigi rifuz nofs is-salarju. Qorti: U suppost tapplika din anke rigward l-atturi?
Xhud: Hekk suppost.
Qorti: U jekk jinstab hati x'jigri minn dak li jkun ha?
Xhud: Dik imbaghad tkun decizjoni tal-PSC. Normalment jekk jinstab hati jitlifhom jigifieri kellna okkazzjonijiet fejn in-nofs salarju …
Qorti: Jigifieri dik hija decizjoni …
Xhud: Tal-PSC.
Qorti: Eventwali.
Xhud: Iva.
Qorti: Li llum tista' tghid hadd ma jaf x'ser tkun ghax futura.
Xhud: Ezatt …
Qorti: PSC ghandha l-ahhar kelma.
Xhud: Iva.
Qorti: Anke fir-rigward tal-pensjoni?
Xhud: Iva Sur Imhallef. Il-P.SD tohrog jigifieri mil-kostituzzjoni ta' l-artiklu 114. Il-bqija fejn jidhol pensjonijiet il-P.SD, l-ufficcju tal-Prim Ministru flimkien mal-PSC jigifieri huma l-P.SD, l-OPM iridu jikkonsultaw mal-PSC qabel jiehdu decizjoni fuq il-pensjoni."[6]

In kontro-eżami x-xhud ikkonferma li kien f'April tal-2020, wara li kienu rċivew ittra mil-legali tal-atturi rigwardanti d-deċiżjoni tan-nofs pensjoni, li huma kienu bgħatu ittra legali jispjegaw id-deċiżjoni tagħhom.

23. Xehdet **Charmaine Busato**, Direttriċi fil-*People Support and Well Being fil-People and Standards Division* li bdiet billi ppreżentat il-korrispondenza skambjata bejn il-Pulizija u l-People and Standards Division, inkluż id-deċiżjoni li ttieħdet. Ix-xhieda kompliet hekk:

"Dr. Miguel Degabriele: Forsi tispjegalna naqra, din ic-cifra ta' l-ammont ta' nofs pensjoni min iddecidih u fuq liema valutazzjoni ghamiltuha din iddecizjoni?

[6] Fol 123 – 124 tal-proċess.

Xhud: Mela l-*policy* tohrog mill-*public service management code,* issa hemmhekk *policy* f'Chapter 6 li tghidlek *holding of treasury pensions,* tissejjah *treasury pension* ghax fl-antik kienet tohrog mit-tezor imma llum insejhulha pensjoni tas-servizz. Dik il-*policy* tghidlek li kap tad-dipartiment illi jkollhu xi ufficcjal tahtu li jkollhu xi proceduri kriminali u jkun wasal biex jirtira jrid jinforma lil *People and Standards* biex tinzammlu parti mill-pensjoni tas-servizz. Issa, l-*policy* as such ma tispecifikax nofs pero f'kazijiet precedenti dejjem inzammet in-nofs u ahna imxejna ma' kazijiet kif dejjem imxejna qabel.
Dr. Miguel Degabriele: Din l-informazzjoni tan-nofs din hija miftuha ghall-ufficcjali pubblici jigifieri din jafu biha, qieghda pubblika biex min jaqa' li huwa taht is-servizz pubbliku jkun jaf li tittiehed lilu nofs il-pensjoni?
Xhud: Kull min huma pensjonabbli l-policy tapplika ghalih jekk ikollhu xi kaz kriminali pendenti u jkun wasal biex jirtira u l-policy qieghda stipulata fil-public service management code jigifieri l-public service management code qieghed ghall-access ta' kulhadd, qieghed online fuq il-website tal-people and standards u jista' jaccessah kulhadd."

Fissret ukoll fix-xhieda tagħha li d-deċiżjoni aħħarija ttieħdet mill-Kummissjoni iżda "id-dipartiment koncernat huwa responsabbli li jinforma lill-ufficcjal koncernat bid-decizjoni li tkun ittiehdet fir-rispett tieghu." Ix-xhud tgħid li huma ma ġewx infurmati jekk il-persuni msemmijin fil-korrispondenza kinux irtiraw jew le, però tgħid li safejn taf hi l-pensjoni tingħata biss meta wieħed jirtira altrimenti jibqa' jirċievi s-salarju.

24. Xehed l-**Assistent Kummissarju Kenneth Haber** li dak iż-żmien kien Supretendent inkarigat mir-Riżorsi Umani. Jikkonferma li kien jaf bl-investigazzjoni li kienet għaddejja fid-dipartiment tat-traffiku u jaf ukoll li l-atturi kienu għamlu talba sabiex jirtiraw mill-Korp tal-Pulizija. Jispjega li din it-talba kienet inżammet pendenti. Sussegwentement saret laqgħa u minnha ħareġ li l-Pulizija konċernati kellhom jieħdu nofs il-pensjoni u kien għalhekk li fil-bidu ta' Marzu huwa kiteb għan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija lil P&SD u kien bejn wieħed u ieħor xahar wara li kitbu lura jinfurmawhom li jaqblu mar-rakkomandazzjoni tagħhom. Ix-xhud jikkonferma li skont il-file ta' Busuttil hemm imniżżel li t-talba għar-riżenja bil-pensjoni ġiet milqugħa u intbagħat messaġġ minn ufficcjal fir-riżorsi umani u mill-Aġent Kummissarju Carmelo Magri. Din saret għall-atturi kollha. Jippreċiża li għalkemm it-talba għar-riżenja bil-pensjoni intlaqat, l-istess talba ma saritx b'ammonti speċifiki ta' kemm għandhom jingħataw pensjoni. Jikkonferma li l-istruzzjonijiet ta' nofs pensjoni inħarġet wara li ġew milqugħa t-talbiet ta' riżenja.

25. Xehed ukoll **Carmelo Magri** li bejn Jannar u Ġunju tas-sena 2020 kien Aġent Kummissarju. Jikkonferma li huwa kien jaf bl-investigazzjoni li kienet qiegħda ssir fid-dipartiment tat-traffiku u jikkonferma li l-atturi kienu talbu li jirriżenjaw mill-Korp, liema talba marret quddiemu. Jispjega li fil-passat meta kien hemm talba għal riżenja dejjem kienet tintlaqa' u kien għalhekk li huwa laqa' t-talba tal-atturi mingħajr ebda kundizzjoni min-naħa tiegħu. Spjega li fl-investigazzjoni huwa qatt ma kellu involviment però kien jiġi aġġornat. Jgħid li kien hemm diversi taħditiet mal-P&SD u l-PSC dwar it-tnaqqis tal-pensjoni pendenti l-investigazzjoni u sakemm ikun hemm riżultati aħħari mill-Qorti. Jgħid li min-naħa tiegħu d-domanda kienet biss jekk is-soltu tiġi aċċettata r-riżenja. Jgħid li dak iż-żmien ma kienx jaf li jista' jirrifjuta talba għal riżenja. Jgħid li d-deċiżjoni sabiex tingħata nofs il-pensjoni ittieħdet mill-PSC u mill-P&SD u ġiet imposta fuqhom.

26. Xehdet **Moira Attard**, Segretarju Eżekuttiv fil-PSC fejn spjegat li fis-26 ta' Marzu 2020 irċevew talba mingħand l-P&SD rigwardanti numru ta' pulizija li kienu qegħdin jiġu investigati. Fit-2 t'April 2020 il-Kummissjoni tat il-*concurrence* tagħha ai termini tal-Artikolu 114 (1) tal-Kostituzzjoni. Kienet ittieħdet deċiżjoni li l-Pulizija li rriżenjaw jingħataw nofs il-pensjoni u l-PSC intalbet taqbel mal-istess deċiżjoni. Tikkonferma li l-PSC ma tkellmitx mal-atturi u qagħdet fuq l-informazzjoni mibgħuta lilha.

27. Xehed l-**Ispettur Rennie Stivala** fejn spjega li l-involviment tiegħu kien li jiġbor dokumenti u informazzjoni rigwardanti allegat frodi fuq ħames uffiċċjali fosthom fuq Dustan Camilleri u Norman Xuereb. Meta ġie mistoqsi x'involviment kellu dwar riżorsi umani, ix-xhud spjega li huwa ma kellu x'jaqsam xejn u kien biss li nforma lil kull uffiċċjal li kellu quddiemu li l-Aġent Kummissarju tahom il-possibilità li jirriżenjaw u sabiex ikellmu lit-taqsima tar-Riżorsi Umani. Jgħid li l-mistoqsijiet li huma għamlu kienu biss relatati mal-investigazzjoni u xejn aktar. Ix-xhieda kompliet hekk:

> "Dr Miguel Degabriele: Hawnhekk is-Sur Dunstan Camilleri xehed fl-affidavit tieghu li l-Ispettur Rennie Stivala qalli li l-Korp tal-Pulizija ser jaghtini cans li nirrizenja mill-Korp tal-Pulizija, dan minhabba l-fatt li jiena ghalaqt hamsa u ghoxrin (25) sena fis-servizz tal-Pulizija u ghaldaqtant ma jittiehdux passi dixxiplinari kontrija u ma nitlifx il-pensjoni tasservizz tal-Pulizija. Jekk il-Qorti tikkoncedili, inti ezempju lis-Sur Camilleri ghamilt xi diskors mieghu dwar x'pensjoni ha jiehu u kemm ha jiehu jekk ma jiehux pensjoni jew meno?
> Spet. Rennie Stivala: Lanqas kemm niehu pensjoni jiena ma naf kieku jkolli nirtira. Ha nkun preciz kemm ghas-Sur Camilleri u kemm ghas-Sur Norman Xuereb ghax minn dawk li qeghdin f'din il-kawza dawn kienu tnejn li tkellimt maghhom jiena

flimkien mal-Ispettur Bunce. Wasalna nerga nirrepeti wasalna sa nghidulhom, se nwasslulhom l-informazzjoni li giet minghand l-Agent Kummissarju li jekk riedu jew xtaqu jirtiraw mis-servizz kellhom ikellmu lis-Sezzjoni tar-Rizorsi Umani, ahna dejjem ghamilna disponibilita' tal-Pulizija biex itellghuhom hemmhekk u jitkellmu, r-Rizorsi Umani l-istess ghamlu disponibilita' ta' personnel illi kienu available biex huma jtellghuhom hemm pero' fuq id-dettalji la kien kompitu tieghi u lanqas stajt naghmilha ghax ma nafx x'jigu offruti u ma nafx kif tinhadem jigifieri le ma kellix x'naqsam, m'ghidtilhom hekk, ghidtilhom biss dak li jirrigwarda lili u f'dak li jirrigwarda lill-Ispettur Bunce li kien mieghi li dawn kellhom jaghmlu kuntatt mar-Rizorsi Umani biex jaraw ... biex jaghmlu r-rizenja taghhom issa mbaghad kif tinhadem ma nafx nghid id-dritt."

28. Xehed il-**Maġġur Joseph Farrugia** fejn spjega li huwa jaħdem fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani. Jgħid li huwa kien ingħata struzzjonijiet mill-Aġent Kummissarju Carmelo Magri li minn kellu ż-żmien tas-servizz seta' jirtira. Jgħid li huwa ma tkellimx fuq pensjoni mal-uffiċċjali li marru quddiemu sabiex jirriżenjaw.

29. Xehdet l-**Ispettur Lee Anne Bonello** fejn spjegat li hija kienet kellmet numru ta' uffiċċjali. Tgħid li hija offritilhom il-possibilità li jirriżenjaw fuq direzzjoni mogħtija lilha u tgħid li rigward pensjoni hija kienet qaltilhom li jieħdu l-pensjoni u ma semmitilhomx ċifri jew persentaġġi kemm ħa jieħdu. Tgħid li hija għaddiet il-messaġġ li jekk jirriżenjaw jieħdu l-pensjoni dak kien il-messaġġ mogħti lilha u dak kien il-messaġġ li hija għaddiet. Tinsisti li hija qatt ma użat il-kelma ridotta jew qalulha li ser tkun pensjoni ridotta. Tgħid li mistoqsijiet ta' riżorsi umani saru lill-Maġġur Joseph Farrugia.

**Fatti**

30. Bejn il-11 ta' Frar u l-12 ta' Frar 2020 l-atturi, ilkoll formanti parti mill-Korp tal-Pulizija, ġew arrestati fuq reati relatati ma' ħlas ta' *extra duty* li kienu jagħmlu ma' Transport Malta u Infrastructure Malta, frodi u uħud minnhom serq ta' fuel. L-atturi lkoll kienu għamlu l-ħamsa u għoxrin sena servizz mal-Korp u kien għalhekk li ingħatalhom l-opportunita li jagħtu r-riżenja tagħhom u fil-fatt ilkoll għażlu li jirriżenjaw mill-Korp, bid-differenza biss li Terence Azzopardi kien diġà tefa r-riżenja tiegħu f'Novembru 2019, b'effett mill-bidu t'April 2020, meta għalaq il-ħamsa u għoxrin sena servizz u sa' Frar kien għadu fuq *leave*. Ir-riżenji kienu ġew milqugħa kollha. Ilkoll qablu li fil-bidu ta' Marzu kienu mitluba jattendu l-uffiċċju tar-Riżorsi Umani fi ħdan id-Depot. Kien l-

ewwel Tnejn ta' Marzu 2020 meta ġew infurmati mill-uffiċċjali tar-Riżorsi Umani li kienu ser jieħdu nofs il-pensjoni u dan minħabba l-investigazzjoni li kienet għaddejja u wkoll l-akkużi li kien hemm kontrihom, għajr għal Terence Azzopardi li jgħid li huwa qatt ma ġie infurmat b'dan.

31. Jidher mill-faxxikli ppreżentati mill-Ispettur Jurgen Vella li fl-4 ta' Marzu 2020, l-Assistant Kummissarju Kenneth Haber (dak iż-żmien Supretendent) kien bagħat jinforma lil People and Standards Division (P&SD) li "the Acting Commissioner [Carmelo Magri] has recommended that as stipulated in Art 11(2) Fourth Schedule, Police Pension Regulations, Chap 164, the under mentioned personnel who chose to retire on pension (having completed 25 years of service in the MPF) and who are still subject to investigations, be recommended to be granted 50% of their police pension. [...] We have been directed to inform your end for further directives as stipulated in Art 6.6.3 Withholding of Treasury Pension."[7] B'korrispondenza sussegwenti P&SD ingħatat aktar informazzjoni fuq talba tagħha rigwardanti r-reati li fuqhom qegħdin jiġu investigati, l-istess ġiet infurmata aktar 'il quddiem li l-uffiċċjali kienu lkoll irtirati u kien jeħtieġ li l-materja tiġi trattata b'urġenza minħabba li dawn l-uffiċċjali kienu mingħajr pensjoni.

32. B'ittra datata 26 ta' Marzu 2020, il-P&SD infurmat lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li numru ta' uffiċċjali ta' pulizija (l-atturi inkluż supretendent li iżda mhux parti f'din il-kawża) kienu qegħdin jiġu investigati b'konnessjoni ma' irregolaritajiet fit-Taqsima tat-Traffiku. Fl-istess ittra ingħad li l-uffiċċjali kienu lestew il-ħamsa u għoxrin sena servizz u li għażlu li jirtiraw pendenti l-investigazzjoni. L-ittra kompliet hekk:

> "*Given that the alleged case is deemed to be of a serious nature and is work-related, the case falls under section 6.6.4 of the PSMC. In accordance with the established policy, whenever an officer is about to retire is involved in a serious disciplinary case or a criminal case, the officer is granted half his pension, pending the final outcome of the criminal proceedings. Any withholding of pension is done with the concurrence of the PSC in terms of Article 114 (1) of the Constitution and in accordance with Regulation 11 of the Fourth Schedule of the Police Act (Chap. 164 of the Laws of Malta) which states that a service pension 'shall only be granted in case of decidedly faithful and meritorious service.'*

[7] In-naħa ta' wara ta' fol 196.

*The concurrence of the Public Service Commission is therefore being sought in terms of Article 114 (1) of the Constitution, so that half the service pension due to the above-mentioned officers is withheld, pending the final outcome of the police investigation and any subsequent criminal proceedings against them.*"[8]

33. B'korrispondenza elettronika datata 2 t'April 2020 l-Aġent Kummissarju Carmelo Magri ġie infurmat li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku issottomettiet l-avviż tagħha ai termini tal-Artikolu 114 (1) tal-Kostituzzjoni

"*whereby the Commission concurred that half of the Service Pension of the above-named officers be withheld pending the outcome of the police investigation and any subsequent criminal proceedings against them.*

*In accordance with the established policy, the half Service Pension which will be withheld from the above-named officers will be deposited in a public account held with the Central Bank of Malta at the interest rates allowed by the Central Bank of Malta on such accounts, pending the conclusion of the criminal proceedings against them.*"[9]

34. L-Accountant General ġie infurmat b'dan kollu mill-Aġent Kummissarju fit-3 t'April 2020. Id-dokumentazzjoni lit-Taqsima tal-Pensjonijiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex intbagħtu fis-7 t'April 2020 u fl-istess dokumentazzjoni l-imsemmija Taqsima ġiet infurmata li hemm azzjoni dixxiplinarja serja jew kriminali pendenti kontra l-uffiċjal imsemmi fid-dokumentazzjoni.

35. Fit-8 ta' Mejju 2020 il-legali tal-atturi bagħat ittra lill-Aġent Kummissarju għan-nom tal-atturi, għajr għan-nom ta' Terence Azzopardi, fejn interpella lill-imsemmi Kummissarju sabiex id-deċiżjoni li ttieħdet rigwardanti nofs l-ammont tal-pensjoni ħ kellha tiġi rtirata minnufih u jibdew jitħallsu l-pensjoni kollha dovuta lilhom. Il-Kummissarju irrisponda b'ittra datata 4 ta' Ġunju 2020 fejn fiha għamel referenza għar-regolament 11 tar-Regolamenti tal-1990 dwar il-Pensjonijiet tal-Pulizija u għadda sabiex jirrespinġi l-pretensjonijiet tal-atturi.

36. In segwietu għal dan fis-16 ta' Novembru 2020 l-atturi intavolaw l-azzjoni odjerna.

Ikkunsidrat

[8] Fol 193 – 194 tal-proċess.

[9] Fol 192 tal-proċess

**Eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti**

37. Il-Qorti tibda billi għal kull buon fini tosserva li t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Pulizija[10] sejra tiġi kkunsidrata wara li jiġi meqjus l-mertu u anke għaliex tali eċċezzjoni hija marbuta mat-tieni talba atturi, liema talba hija konsegwenzjali għall-ewwel talba.

**A. L-Eċċezzjoni dwar Nuqqas ta' indikazzjoni tas-sub-inċiż tal-Artikolu 469A.**

38. Il-konvenuti kollha eċċepew in linea preliminari li l-atturi naqsu milli jindikaw taħt liema sub-inċiż tal-Artikolu 469A qiegħda tiġi msejsa l-azzjoni u lkoll irriżervaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri.

39. Waqt l-ewwel seduta miżmuma fil-25 ta' Jannar 2021, il-legali tal-atturi kjarifika li l-azzjoni hija msejsa fuq is-sub-inċiż (1) (b) tal-Artikolu 469A. Ulterjorment fin-nota ta' sottomissjonijiet finali l-atturi ppreċiżaw li l-konvenuti kienu wettqu egħmil amministrattiv *ultra vires* skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469A (1) (b) (i) (ii) u (iv).

40. In vista ta' din il-kjarifika il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, it-tieni eċċezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-ewwel eċċezzjoni tas-Segretarju Permanenti Ewlieni u tal-Uffiċju tal-Prim Ministru.

**B. L-Eċċezzjoni li l-Kostituzzjoni tipprekludi lill-Qrati milli jissindikaw allegat aġir magħmul mill-Kummissjoni peress li hija tagħti biss rakkomandazzjoni**

41. Il-Qorti sejra tqis l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku flimkien u dan stante li dawn imorru id f'id. L-eċċezzjonijiet jaqraw hekk:

> "1. Illi preliminarjament, l-improponibbilita' tal-azzjoni odjerna stante li l-Kostituzzjoni tipprekludi lill-Qrati kollha inkluż din l-Onorabbli Qorti milli tissindika allegat aġir magħmul mill-Kumissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 110 u 115 tal-Kostituzzjoni, u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha

[10] "2. Illi preliminarjament wkoll l-azzjoni a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap 12 ma tipprefiggiex azzjoni *ex delicto* u/jew azzjoni taht il-poteri residwali tal-Qorti Civili ghal irkupru ta' flejjes. Konsegwentement it-talba numru tnejn (2) fir-rikors ġuramentat in risposta hija impronibbli u ghanhda tiġi ddikjara bhala tali."

tiddikjara illi l-azzjoni hija improponibbli stante li l-agir tal-Kummissjoni f'materja bhal din m'huwiex sindakabbli;

[...]

3. Illi in linea preliminari wkoll, l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) mhux applikabbli fil-konfront tal-Kummissjoni esponenti stante li dak li qiegħed jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju tiegħu ma jaqax fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" li nsibu fis-subinċiż 2 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 peress illi l-funzjoni tal-Kummissjoni esponenti hija limitata għal rakkomandazzjoni u mhux li tiddetermina kwistjoni b'sentenza final;"

42. **Artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni** jaqra kif ġej:

"(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinarji fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:

Iżda l-Prim Ministru jista', billi jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jiddelega bil-miktub, salvi dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu speċifikati fid-dokument ta' delega, kull waħda mis-setgħat imsemmija f'dan is-subartikolu lil dak l-uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra kif jista' jkun speċifikat fid-dokument."

**Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni** imbagħad jipprovdi hekk:

"Il-kwistjoni jekk –
(a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni;
[...]
ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti."

41. Din il-Qorti tibda billi tosserva l-inapplikabbilità tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni fil-kawża odjerna u dan stante li l-artikolu huwa limitat għal ħatriet u tneħħija ta' uffiċċjali pubbliċi. Il-każ odjern mhu qiegħed jittratta ebda waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet. Il-kawża odjerna tirrigwarda tnaqqis fil-pensjonijiet tal-atturi wara li volontarjament irriżenjaw mill-kariga tagħhom ta' uffiċċjali tal-Pulizija.

42. Imiss issa jiġi kkunsidrat l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni.

43. **Fil-fehma tal-Qorti l-eċċezzjoni fir-rigward tal-applikabbilità tal-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni m'hijiex fondata.** Diversi huma dawk is-sentenzi mogħtija mill-Qrati Maltin li kkunsidraw jekk il-Qorti għandhiex setgħa teżamina deċiżjonijiet mogħtija minn awtoritajiet jew kummissjonijiet fejn il-Kostituzzjoni speċifikament tipprovdi li deċiżjonijiet tagħhom ma jistgħux jiġu eżaminati mill-Qorti. Għalkemm kien hemm żmien fejn il-Qrati iddeċidew li m'għandhomx is-setgħa li jissindikaw l-operat ta' dawn l-Awtoritajiet u Kummissjonijiet[11], il-ġurisprudenza l-aktar reċenti ħadet linja oħra u llum huwa ben stabbilit li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku m'hijiex għal kollox meħlusa mill-istħarriġ ġudizzjarju f'ċerti każijiet, kemm jekk l-ilmenti allegati jkunu jikkonsistu fi ksur ta' xi jedd fundamentali tal-bniedem[12], u kif ukoll fuq livell amministrattiv ta' stħarriġ ġudizzjarju fiċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b).

44. In tema legali ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Veterinarju Dottor Frank Cassar vs. Chairman tal-Public Service Commission** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ottubru 1976, fejn il-PSC ma segwietx il-proċedura stipulata minnha stess, u l-Qorti kellha teżamina jekk l-Artikolu 115 (dak iż-żmien Artikolu 118) tal-Kostituzzjoni ineħħilhiex il-ġurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-PSC. F'dik is-sentenza il-Prim Awla kienet ikkonkludiet hekk:

> "Din id-disposizzjoni, fil-fehma tal-Qorti, tipprekludi lill-Qrati milli jezaminaw u jiddeciedu dwar materji affidati lill-Kummissjoni taht l-artikolu 113, 114, 115 u 117 u jekk il-Kummissjoni qdietx il-mansjonijiet taghha validament. Pero` ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni jekk il-Kummissjoni segwitx regolamenti ta' procedura maghmula minnha stess taht is-setghat moghtija bl-artikolu 123 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha kompetenza li tezamina jekk dawn ir-regolamenti stess, li l-Kummissjoni ghogobha tistabilixxi, gewx segwiti. Li kieku ma kienx hekk, il-Kummissjoni kien jkollha poter assolut li wara li tghid li tintrabat li ser issegwi certi proceduri, twarrabhom u ma tosservhomx kull meta jdhrilha, peress li l-ebda poter ma jkun jista' jissindika dan l-operat. Ghaldaqstant il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tara li l-formalitajiet u proceduri li jirregolaw il-Kummissjoni u lill-

[11] **Michael Vella noe v. Emmanuel Farrugia noe** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 t'April 1987 (Kollezz. Vol. LXXI.III.639)

[12] Ara eżempju **Grace Sacco vs. Onorevoli Prim Ministru et** mogħtija deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta' Settembru 2013, kif ukoll **Perit Vincent Galea vs. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Jannar 1985.

Bord tad-Dixxiplina, fejn il-Kummissjoni stess hasset il-htiega li ghandha taghmel regoli, jigu osservati, u tara li kollox isir skond il-ligi."

45. Referenza ssir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet ta' **Charles Mattocks vs. Dr. Anthony Gruppetta noe et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Ġunju 2008 fejn ġie ritenut li:

"Il-PSC mhux hieles minn skrutinju tal-qrati ordinarji. Il-Qrati taghna osservaw li l-PSC mhix insindikabbli b'mod assolut, u jekk jigi allegat li l-PSC ma segwietx ir-regoli ta' procedura li hi stess tkun ghamlet ghas-smiegh tal-kazi quddiema ("**Cassar vs. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**", eventwalment ceduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru, 1985), jew jigi allegat li l-PSC agixxiet b'mod diskriminatorju ("Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", diciza mill-Qorti Kostituzzjnali fl-20 ta' Jannar, 1985), jew li l-istess PSC agixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ("Attard vs Sant'Angelo noe et", decisa mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Novembru, 1996), allura l-Qorti ordinarja tista' tintervjeni, tissindika u eventwalment taghti r-rimedju opportun. Din il-Qorti zzid li anke jekk jigi allegat, fuq livell amministrattiv, li l-PSC agixxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet ultra vires il-poteri taghha, il-Qrati ordinarji jistghu u ghandhom jintervjenu. Il-principji tal-gustizzja naturali jridu dejjem u skrupolozament jigu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni mahtura biex tiehu decizjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita` moghnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-principji b'impunita` (ara, per ezempju, il-kazijiet "Zammit vs Falzon", deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu, 2003 u "Mangion vs Cilia Pisani noe", deciza mill-Prim Alwa tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju, 2004). [13]

46. Fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza appena ċitata l-Qorti tqis illi l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ma hux ta' ostakolu għaliha sabiex tistħarreġ il-proċedura addotata mill-Kummissjoni.

---

[13] Ara wkoll **Chairman PBS Ltd et v. Broadcasting Authority et** (711/02) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-15 ta' Jannar 2003; **David Gatt vs. Onor. Prim Ministru et** (1548/2001) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-6 ta' Settembru 2010; **Environment Landscapes Consortium Ltd vs. Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data et** (764/2016 JRM) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Mejju 2018.

47. Il-Kummissjoni eċċepiet li hija ma ħadet ebda deċiżjoni u għalhekk skont id-definizzjoni mogħtija għal frażi 'egħmil amministrattiv' l-Artikolu 469A ma japplikax għaliha u dan stante li ma tieħu ebda deċiżżjoni iżda tagħti biss rakkomandazzjoni.

48. F'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju bħalma hija l-kawża odjerna l-ilment sindakabbli jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-aġir tal-Kummissjoni flimkien ma' dak tal-konvenuti l-oħra huwa milqut minn nuqqasijiet li jivvizzjawh. Jekk minħabba xi nuqqas ċensurabbli jiġu milquta l-jeddijiet tal-atturi, l-imġiba tal-Kummissjoni tikwalifika bħala għemil amministrattiv sindakabbli mill-Qorti.

49. Il-Kummissjoni ma tinnegax li hija kellha involviment fid-deċiżjoni aħħarija għat-tnaqqis bin-nofs tal-pensjoni tal-atturi iżda fin-nota ta' sottomissjonijiet spjegat li l-qbil li hija tintalab ai termini tal-Artikolu 114 tal-Kostituzzjoni u Klawżola 6.6.3. tal-PSMC huwa biss parir.

50. **Artikolu 114 (1) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi hekk:

> "(1) Meta xi benefiċċji li għalihom dan l-artikolu jgħodd jistgħu jiġu miżmuma, imnaqqsa fl-ammont jew sospiżi minn xi persuna jew awtorità skont xi liġi dawk il-benefiċċji ma għandhomx jiġu hekk miżmuma, imnaqqsa fl-ammont jew sospiżi mingħajr ma tkun taqbel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, kemm-il darba dawk il-benefiċċji ma jitnaqqsux jew ma jinżammux skont xi liġi msemmija fis-subartikolu (7) tal-artikolu 113 ta' din il-Kostituzzjoni"

51. **Klawżola 6.6.3 tal-Public Service Management Code** taqra hekk:

> "*Whenever a pensionable officer, who is due to retire from the Public Service (either on medical grounds or on superannuation) has a fourth minor case / a serious disciplinary case / a criminal case still pending against him/her, the respective Head of Department should inform the People and Standards Division accordingly. The Head of Department shall also submit information whether the officer opted for a commuted or uncommuted pension. At this stage, the Head of Department shall hold the pension papers of the retiring officer in abeyance.*
>
> *The People and Standards Division (P&SD) shall seek the concurrence of the PSC, in accordance with Section 114(1) of the Constitution, if it considers that the nature of the alleged criminal or disciplinary case warrants the withholding of the officer's Service pension or part thereof. When the concurrence of the PSC is*

*obtained, the PSC shall inform the Head of Department who shall then proceed to process the relative pension papers. At Section 15 of the GP 61, the advice of the PSC should also be included.*

*When the disciplinary or criminal case is concluded, the Head of Department shall inform P&SD of the outcome of the case. If the officer is found guilty, P&SD shall, once again, seek the concurrence of the PSC in terms of Section 114(1) of the Constitution as to whether any withheld pension, or part thereof, is to be restored or otherwise. The P&SD shall then inform the Head of Department concerned so that the necessary action may be taken accordingly. If the officer is acquitted from all charges, the right to a full pension shall be restored*."

52. Hu evidenti b'mod partikolari mill-qari tal-Artikolu 114 (1) tal-Kostituzzjoni li ma jistax ikun hemm tnaqqis jew sospensjoni ta' pensjoni mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Għalhekk għalkemm id-deċiżjoni aħħarija hija meħuda mill-Kap tad-Dipartiment, il-Kummissjoni għandha involviment dirett li għall-integrita tal-ġudizzju hija leġittimu kontradittur.

53. Il-Qrati tagħna fissru kemm-il darba li d-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti f'kawża tkun leġittimu kontradittur ma tfissirx li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet imqajma kontra t-talbiet rikorrenti, tasal għall-konklużjoni li l-konvenuti – meqjus *prima facie* bħala leġittimu kontradittur – jista', wara l-kunsiderazzjoni tal-kawża, jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabbiltajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.[14]

**54. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel kif ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.**

**Ċ. L-Eċċezzjoni li l-Ġudizzju huwa integru bil-presenza biss tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.**

55. Ġie eċċepiet li l-ġudizzju huwa integru bil-presenza tas-Segretarju Permanenti Ewlieni li huwa l-Kap tas-Servizz Pubbliku fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru

[14] **Marouska Fenech vs. Support Services Limited et** (Rik Ġur Nru 388/14 JRM) deċiża mill-Prim'Awla fit-8 ta' Mejju 2018 (pendenti fl-appell). Ara wkoll **Frankie Refalo et vs. Jason Azzopardi et** (Appell Ċivili Nru 1365/1992/2 deċiża 5 t'Ottubru 2001.

56. Dwar din l-eċċezzjoni l-konvenuti Segretarju Permanenti Ewlieni u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ma jagħmlux osservazzjonijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom.

57. Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-**Artikolu 181B tal-Kapitolu 12**

> "(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:
>
> Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu [...]
>
> b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;"

58. L-irwol tas-Segretarju Permanenti Ewlieni huwa definit fl-**Artikolu 14 tal-Kapitolu 595, l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubbliku. Bħala Segretarju Permanenti Ewlieni** huwa jieħu struzzjonijiet mingħand il-Prim Ministru. Ai termini tas-sitt (6) sub-artikolu tal-imsemmi artikolu "Is-Segretarju Permanenti Ewlieni għandu jassumi l-funzjonijiet ta' tmexxija u ta' sorveljanza ta' Segretarju Permanenti fir-rigward tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru u tad-dipartimenti, l-aġenziji u l-entitajiet tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Prim Ministru".

59. In oltre skont l-**Artikolu 17(8) tal-Kapitolu 595**, is-Segretarju Permanenti huwa r-rappreżentant ġuridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet ġudizzjarji dwar kull ħaġa li tirrelata mal-attività tal-Ministeru li għalih ikun assenjat u għalhekk il-presenza tiegħu hija biżżejjed u m'hemmx il-ħtieġa li jiġi mħarrek ukoll l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

**60. Jirriżulta għalhekk illi din l-eċċezzjoni hija fondata u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru qiegħed jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.**

Ikkunsidrat;

**Mertu**

61. Kif ġia ritenut din hija azzjoni msejsa fuq l-**Artikolu 469A (1) (b) (i), (ii) u (iv) tal-Kapitolu 12**. L-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti huwa limitat għall-egħmil amministrattiv tal-konvenuti jew min minnhom fil-konfront tal-atturi għaliex ma tistax tagħmel eżami tal-mertu li ġie deċiż mill-konvenuti - dak m'huwiex l-iskop ta' kawża msejza fuq l-Artikolu 469A.

62. Azzjoni taħt l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 hija maħsuba biex tagħti rimedju lill-individwu dwar l-imġieba ta' awtorità pubblika fil-konfront tiegħu.[15] L-iskop wara dan l-artikolu huwa dak li jiġi mistħarreġ u eżaminat l-għemil amministrattiv mil-lenti ta' kondotta *contra ius*, *ultra vires* jew b'abbuż tal-poter.[16] Suċċess f'azzjoni bħal din twassal għat-tħassir ta' dik id-deċiżjoni amministrattiva u possibbilment għall-għoti ta' ħlas għad-danni mġarrba jekk jiġi ppruvat mill-atturi li kien hemm *mala fede* min-naħa tal-konvenuti.

63. F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza **Maggur Ivan Consiglio vs. L-Onorevoli Prim Ministru et** (Rik Ġur 446/2009) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Jannar 2020 fejn intqal hekk:

> "Illi tajjeb jitfakkar qabel xejn il-prinċipju ġenerali li meta tissindika għemil amministrattiv, il-Qorti ma tistaqsix jekk dan kienx tajjeb jew ħażin, bħalma jsir fil-każ ta' appell, li jidħol fil-mertu, imma tistaqsi biss jekk dan kienx legali, jiġifieri jekk ġiex imħaddem fil-qafas tas-setgħat mogħtija mil-liġi. L-istħarriġ ġudizzjarju huwa għalhekk mekkaniżmu fundamentali biex jiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi ma jaqbżux il-limiti tagħhom u tiġi mħarsa s-saltna tad-dritt. Għalhekk meta Qorti tissindika għemil amministrattiv, hija tiddeċiedi biss jekk dak l-għemil għandux jitħassar jew le, iżda ma tbiddilx deċiżjoni meħuda mill-awtorità pubblika li jkollha s-setgħa li tiddeċidieha b'oħra meħuda mill-Qorti stess;"

64. Ingħad ukoll fis-sentenza **Mario Galea et vs. Id-Direttur, Management and Personnel Office, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru et** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-20 ta' Lulju 2020:

> "f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-Qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-għemil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-Qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-għemil amministrattiv, liema għemil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorità pubblika li tkun;

---

[15] Ara **Lawrence Borg nomine vs. Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-9 ta' Marzu, 2007 u **Carmelo sive Charles Dingli et vs. Kontrollur tad-Dwana et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 2009.

[16] Ara **Joseph Muscat et vs. Chairman Awtorità tad-Djar et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-24 ta' Ġunju 2011.

Illi dan ir-rwol tal-Qorti ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-għemil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrativ għandha tqis is-siwi ta' għemil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-għemil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorità kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorità li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti targa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorità għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ. Jista' jkun li l-Qorti tindika lill-awtorità pubblika li tkun li meta tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet ikunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-għemil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ;"

65. Fil-każ odjern l-atturi qegħdin jallegaw li l-aġir tal-konvenuti jew min minnhom kien egħmil *ultra vires* minħabba li

   a. Ma kellhomx awtorità iwettqu dak l-egħmil (Artikolu 469A (1) (b) (i));
   b. Naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil (Artikolu 469A (1) (b) (ii)); u
   c. Li l-egħmil imur kontra l-liġi (Artikolu 469A (1) (b) (iv)).

I. **Ma kellhomx awtorità jwettqu dak l-egħmil u l-egħmil imur kontra l-liġi**

66. L-atturi jikkontendu illi l-egħmil amministrattiv minnhom impunjat kien *ultra vires* minħabba li skont l-atturi l-konvenuti ma kellhomx awtorità jwettqu dak l-egħmil u li tali egħmil imur kontra l-liġi. Fissru li r-Raba' Skeda tal-Att dwar il-Pulizija ma jsemmix liema hija dik l-awtorità li għandha s-setgħa bil-liġi li tista' tnaqqas il-pensjoni u jgħaddu sabiex jagħmlu referenza għall-**Artikolu 11 (2) tal-Att dwar il-Pulizija**. Jinsistu li minn imkien ma rriżulta mill-provi li kien il-Ministru responsabbli mill-Korp tal-Pulizija li ħa d-deċiżjoni għat-tnaqqis fil-pensjoni u huwa għalhekk skont l-atturi li l-konvenuti aġixxew *ultra vires.* In oltre jkomplu jissottomettu li kien il-P&SD li ħa d-deċiżjoni ai termini tal-klawżola 6.6.3 tal-PSMC. Jissottomettu illi dik il-klawżola tispeċifika "*who is due to retire from Public Service*". Fil-każ odjern l-atturi kienu rriżenjaw mill-Korp bejn it-12 u l-14 ta' Frar 2020. Jgħidu wkoll li l-fatt li d-deċiżjoni għat-tnaqqis fil-pensjoni ittieħdet wara li l-atturi rriżenjaw tmur kontra l-liġi.

67. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku issottomettiet illi "mhuwiex minnu illi r-rikorrenti kienu diġa' rtiraw meta ttieħdet din id-deċiżjoni, bħallikieku l-ewwel ġie aċċettat l-irtirar tagħhom imbagħad b'mod sekondarju wara ħafna żmien, ġie deċiż arbitrarjament illi titnaqqsilhom il-pensjoni; [...] kif jidher ċar mill-provi, il-proċess ma kienx hekk, iżda kien wieħed kontinwu minn meta l-Kummissarju rċieva t-talbiet għall-irtirar tar-rikorrenti, sakemm wara diskussjonijiet mal-intimati l-oħra ġie deċiż illi tinżamm nofs il-pensjoni tar-rikorrenti filwaqt li xorta waħda jkunu tħallew jirtiraw [...]"[17]

68. Min-naħa l-oħra l-Kummissarju tal-Pulizija ssottometta li "wara li l-Kummissarju intebah bit-talba ta' riżenja jew irtirar tal-atturi fi Frar 2020, huwa setgha, permezz tal-artikolu succitat inaqqas ir-rati tal-Pensjoni tas-Servizz."[18]

69. L-atturi jilmentaw li r-Raba' Skeda ma ssemmiex l-awtorità li għandha tieħu d-deċiżjoni sabiex il-pensjonijiet jitnaqqsu.

70. Ir-regolament li qegħdin jagħmlu referenza għalih l-atturi u li fuqu attwalment ġie deċiż li jkun hemm tnaqqis fil-pensjoni - **Regolament 11 tar-Raba' Skeda** - ma jsemmi xejn dwar minn jista' jieħu l-imsemmija deċiżjoni:

> "(1) Il-pensjonijiet ikkalkolati bir-rati msemmijin hawn fuq, jingħataw biss fil-każ ta' servizz li jkun sar tassew bil-fedeltà u b'mod meritevoli.
>
> (2) Meta l-fedeltà u bżulija tal-uffiċjal ma jilħqux l-ewwel grad ta' mertu, il-kalkolu jista' jsir b'rati anqas minn dawk imsemmijin hawn fuq.

71. Il-Qorti tinnota li l-**Artikolu 114 tal-Kostituzzjoni** ukoll ma jsemmix min għandu jitlob l-approvazzjoni da parti tal-Kummissjoni:

> "(1) Meta xi benefiċċji li għalihom dan l-artikolu jgħodd jistgħu jiġu miżmuma, imnaqqsa fl-ammont jew sospiżi minn xi persuna jew awtorità skont xi liġi dawk il-benefiċċji ma għandhomx jiġu hekk miżmuma, imnaqqsa fl-ammont jew sospiżi mingħajr ma tkun taqbel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, kemm-il darba dawk il-benefiċċji ma jitnaqqsux jew ma jinżammux skont xi liġi msemmija fis-subartikolu (7) tal-artikolu 113 ta' din il-Kostituzzjoni."

[17] Fol 972 tal-proċess.
[18] Fol 949 tal-proċess.

72. Meta l-liġi hija siekta dwar punt daqstant vitali, wieħed għandu jitfa' ħarstu fuq dokumenti oħra li jgħinuh jifhem aħjar il-liġi u l-applikabbilità tagħha. F'dan il-każ wieħed għandu jaqra ż-żewġ artikoli sukwotati flimkien mal-**Klawżola 6.6.3 tal-PSMC** li jipprovdi fost oħrajn li:

> "*Whenever a pensionable officer, who is due to retire from the Public Service (either on medical grounds or on superannuation) has a fourth minor case / a serious disciplinary case / a criminal case still pending against him/her, the respective Head of Department should inform the People and Standards Division accordingly. The Head of Department shall also submit information whether the officer opted for a commuted or uncommuted pension. At this stage, the Head of Department shall hold the pension papers of the retiring officer in abeyance*."[19]

73. Huwa għaldaqstant evidenti minn dan id-dokument li huwa l-Kap tad-Dipartiment li għandu jieħu tali deċiżjoni, fil-każ odjern il-Kummissarju tal-Pulizija u mhux il-Ministru kif jissottomettu l-atturi.

74. **Artikolu 15 (2)** tal-**Att dwar il-Pulizija** jipprovdi illi:

> "15.(1) Membru tal-Korp li jixtieq jirriżenja jew jirtira mid-dmirijiet tiegħu għandu jagħti lill-Ministru dak l-avviż bil-quddiem, li ma jeċċedix it-tletin ġurnata, skont ma l-Ministru jista' jkun jeħtieġ b'avviż fil-Gazzetta, dwar il-ħsieb li jkollu li jirriżenja jew li jirtira minn dmirijietu, skont il-każ, u jagħti raġunijiet għal dan.
>
> (2) Il-Ministru għandu jagħti permess lil kull membru tal-Korp għar-riżenja jew l-irtirar tiegħu wara li jiskadi l-perjodu hekk meħtieġ kemm-il darba dak il-membru –
> (a) ma jkunx is-suġġett ta' proċeduri dixxiplinari quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li ma jkunux għadhom ġew deċiżi; jew
> (b) ma jkunx akkużat b'reat ta' konjizzjoni ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali; jew
> (ċ) ma jkunx xort'oħra irrenda ruħu hekk li jista' jiġi mkeċċi jew imneħħi mill-Korp, f'liema każijiet il-Ministru jista' jew jibqa' ma jagħtix il-permess tiegħu sakemm il-proċeduri, is-smigħ fil-qorti jew il-proċeduri ta' tkeċċija ma jkunux intemmew, jew inkella jagħti dak il-permess taħt kondizzjonijiet speċifikati.

[19] Enfasi tal-Qorti.

(3) Membru tal-Korp li ż-żmien tal-avviż tiegħu jagħlaq matul il-ġrajja jew periklu ta' ġrajja ta' ostilitajiet, disordni intern, jew emerġenza gravi oħra ta' kull xorta, jista' jiġi miżmum u s-servizz tiegħu mtawwal għal dak iż-żmien ieħor, ta' mhux iktar minn tnax-il xahar, skont ma l-Ministru jista' jordna."

75. L-artikolu appena ċitat jipprovdi dwar riżenja jew irtirar u ma jsemmi xejn dwar it-tnaqqis o meno tal-pensjoni. Fil-kawża odjerna l-atturi m'humiex jikkontestaw il-validità tal-irtirar tagħhom iżda dak li qiegħed jiġi kkontestat da parti tagħhom hija d-deċiżjoni dwar it-tnaqqis tal-pensjoni tagħhom pendenti l-proċeduri penali; proċess kompletament divers minn dak li dwaru jipprovdi l-artikolu imsemmi.

76. Lanqas ma jista' jingħad li kienet il-P&SD li ħadet id-deċiżjoni sabiex il-pensjoni tal-atturi tiġi mnaqqsa. Ai termini tal-Artikolu 114 (1) tal-Kostituzzjoni meta jiġi deċiż li l-pensjoni għandha tiġi mnaqqsa, tali deċiżjoni għandha tiġi kkomuniakta lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li min-naħa tagħha għandha tirrispondi jekk taqbilx jew le ma' tali deċiżjoni.

77. Mill-atti jirriżulta li l-Kummissarju tal-Pulizija rrakkomanda li jkun hemm tnaqqis fil-pensjoni pendenti l-investigazzjonijiet u l-proċeduri fil-konfront tal-atturi. Din ir-rakkomandazzjoni ġiet ikkomunikata lil P&SD fl-4 ta' Marzu 2020. B'ittra tas-26 ta' Marzu 2020 il-P&SD infurmat lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li numru ta' uffiċċjali tak-pulizija għażlu li jirtiraw mill-korp waqt li l-investigazzjonijiet kontrihom kienu għadhom pendenti u wara li saret referenza għal Klawżola 6.6.4 tal-PSMC u l-Artikolu 114 (1) tal-Kostituzzjoni, saret is-segwenti talba:

*"The concurrence of the Public Service Commission is therefore being sought in terms of Article 114 (1) of the Constitution, so that half the service pension due to the above-mentioned officers is withheld, pending the final outcome of the police investigation and any subsequent criminal proceedings against them."*[20]

Il-Kummissjoni wara li qieset din it-talba, ikkomuniat fit-2 t'April 2020 mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn informat illi:

*"The Public Service Commission has submitted its advice, in terms of Section 114 (1) of the Constitution, whereby the Commission concurred that half of the Service*

[20] Fol 194 tal-proċess.

*Pension of the above-named officers be withheld pending the outcome of the police investigation and any subsequent criminal proceedings against them*."[21]

78. Il-P&SD kellha rwol intermedjarju u ċioe li ġabret l-informazzjoni meħtieġa sabiex tgħaddiha lill-Kummissjoni u wara li għamlet dan, kienet il-P&SD li informat lill-Kummissarju b'dak li ġie konkluż mill-Kummissjoni. Kif ġia ġie spjegat u anke kif jiddisponi l-Artikolu 114 (1) tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni f'dan il-każ ma tatx rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet, iżda biss il-qbil o meno mad-deċiżjoni meħuda mill-Kap tad-Dipartiment. Huwa evidenti minn dan kollu wkoll li l-P&SD ma kellha ebda rwol jekk taqbilx o meno f'dak li ġie deċiż mill-Kummissarju tal-Pulizija.

79. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet hawn fuq magħmula il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla fit-30 ta' Settembru 2014 fl-ismijiet **All for Property Ltd et vs. Direttur Ġenerali Dwana** li "In linea ta' massima, "il-poteri ta' l-ezekuttiv ghandhom jigu ezercitati legalment, u kull poter li johrog minn statut ghandu jigi ezercitat mill-awtorita` preskritta fl-istatut skont il-kliem u l-intenzjoni tal-legislatur." ("**Lowell et v Caruana**" - On. Imh. M. Caruana Curran - dec. fl-14 ta' Awwissu 1972).

80. Minn dak hawn fuq ikkunsidrat jidher ċar li huwa l-Kap tad-Dipartiment li għandu jieħu d-deċiżjoni dwar it-tnaqqis tal-pensjoni tas-servizz, f'dan il-każ il-Kummissarju tal-Pulizija. Huma skorretti l-atturi meta jgħidu li huwa l-Ministru li għandu jieħu l-imsemmija deċiżjoni u huma daqstant ieħor skoretti meta jissottomettu li kien il-P&SD jew adirittura l-konvenuta Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li ħadu d-deċiżjoni.
81. Fl-4 ta' Marzu 2020, l-Assistent Kummissarju Kenneth Haber (dak iż-żmien Supretendent) kien bagħat jinforma lil People and Standards Division (P&SD) li "*the Acting Commissioner [Carmelo Magri] has recommended that as stipulated in Art 11(2) Fourth Schedule, Police Pension Regulations, Chap 164, the under mentioned personnel who chose to retire on pension (having completed 25 years of service in the MPF) and who are still subject to investigations, be recommended to be granted 50% of their police pension. [...] We have been directed to inform your end for further directives as stipulated in Art 6.6.3 Witholding of Treasury Pension*."[22] Il-Qorti hija konvinta għalhekk li tali deċiżjoni ttieħdet mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li dwarha intalab u ġie ottenut il-qbil da parti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

---

[21] Fol 192 tal-proċess.

[22] In-naħa ta' wara ta' fol 196.

82. Finalment taħt dawn iż-żewġ inċiżi l-atturi jillamentaw ukoll li d-deċiżjoni ttieħdet wara li r-riżenjaw u mhux skont dak li tipprovdi l-Klawżola 6.6.2 tal-PSMC u ċioe "*who is due to retire*".

83. Bħala fatt minn dak li jirriżulta mill-provi mressqa jidher fi żgur li l-atturi, waqt li kienu għadhom taħt arrest u meta kienu għadhom ma tressqu ebda akkużi kontrihom, ingħataw l-opportunità li jirtiraw mill-impjieg u dan peress li lkoll kienu għamlu l-ħamsa u għoxrin sena servizz – *retire on pension*. Meta ingħataw din il-possibilità ebda wieħed minnhom ma ġie informat li l-pensjoni kienu ser jieħduha kollha u wisq aktar li kienu ser jieħdu biss nofsha; ingħataw biss l-għażla li jirtiraw bil-pensjoni. Għar-raġunijiet tagħhom, l-atturi għażlu, wara parir legali mill-avukat tal-fiduċja tagħhom, li jirtiraw u lkoll irtiraw bejn it-12 ta' Frar 2020 u l-14 ta' Frar 2020. Mhux ikkontestat mill-partijiet li kien biss fit-2 ta' Marzu 2020 li ġiet a konjizzjoni tal-atturi li kienu ser jingħataw nofs il-pensjoni; pero' tali informazzjoni kienet disponibbli għall-atturi qabel ħadu d-deċiżżjoni li jirriżenjaw kieku ħadu ħsieb illi jindagaw x'kienu ser ikunu l-konsegwenzi fir-rigward tal-pensjoni tenut kont li kien hemm l-investigazzjonijiet fil-konfront tagħhom.  Mhux verosimili illi l-atturi ġenwinament ħasbu li, nonostante li kienu qed jiġu investigati għal reati kriminali, bil-fatt li jirriżenjaw jevitaw il-konsegwenzi fir-rigward tal-pensjoni.

84. Mill-faxxikkli li ġew ippreżentati minn Jurgen Vella jirriżulta li bejn l-14 ta' Frar 2020 u l-20 ta' Frar 2020 kienu ġew imħejjija ittri lil Accountant General iffirmata mill-Aġent Kummissarju fejn magħha kienu qegħdin jintbagħtu l-karti relatati mal-pensjoni wara li l-uffiċċjali irtiraw "*on pension on completion of 25 years service*". Dawn l-ittri iżda qatt ma ntbagħtu u hemm nota fuq l-istess ittri li ma nbagħtux għaliex kienu qegħdin jistennew mingħand il-P&SD però ma kien hemm ebda data ħdejn dan in-notament. Dan ifisser li tal-anqas sal-20 ta Frar 2020 il-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx għadu formalment iddeċieda li l-atturi għandhom jieħdu nofs il-pensjoni tas-servizz.

85. Kemm ir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 164 kif ukoll l-Artikolu 114 tal-Kostituzzjoni ma jindikawx meta għandha tintalab il-qbil (*concurrence*) tal-Kummissjoni. Huwa biss il-PSMC li jgħid "*due to retire*".

86. Il-PSMC "*has been assigned the legal status of a directive under the Public Administration Act, whereby the provisions of the Code are binding and enforceable*

*in terms of article 15(2) of the PAA, reinforcing the importance of this Code as reflected by Directive No 1*."[23]

87. Dan magħdud il-Qorti iżda tqis li dak li jingħad fil-PSMC għandu jinqara fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni, u tal-fatt li l-Kostituzzjoni hija l-liġi suprema u ma tistax tiġi mibdula, ristretta jew arġinata minn liġi ordinarja jew addirittura direttiva ħlief u sa fejn l-istess Kostituzzjoni tista' hekk tippermetti.

88. Ġaladarba **Artikolu 114 tal-Kostituzzjoni** jiddisponi li ebda benefiċċji m'għandu jiġi mnaqqsa meta l-liġi tkun tippermetti (f'dan il-każ Regolament 11 (1) tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 164) mingħajr ma tkun qablet ma' tali deċiżjoni il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din il-Qorti m'għandhiex tmur oltre minn dak provdut. Il-Qorti minn dan l-Artikolu tifhem li l-pensjoni tas-servizz ma setgħetx titnaqqas qabel ma ikun hemm il-kunsens tal-Kummissjoni.

89. Fid-dawl tas-suespost għalhekk issib li l-atturi m'għandhomx raġun li kien hemm aġir *ultra vires* taħt l-Artikolu 469A (1) (b) (i) u (iv).

**II. Naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali**

90. It-tieni sub-inċiż jitkellem dwar ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u tan-nuqqas ta' ħarsien tal-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew waqt id-deliberazzjoni tiegħu.

91. Taħt din il-kappa l-atturi ma eleborawx wisq u sottomettew biss li l-konvenuti aġixxew *ultra vires* minħabba li ħadu d-deċiżjoni mertu tal-kawża mingħajr ma taw ċans lill-atturi jirrispondu. Jgħidu li huma ġew infurmati verbalment u kien biss meta rċevew ittra fl-14 ta' Mejju 2020 mis-Sezzjoni Pensjoni tas-Servizzi li huma rċevew dak li ingħad lilhom bil-miktub.

92. Fis-sentenza **MMC Consultancy Ltd vs. Malta Financial Services Authority** deċiża fil-24 t'Ottubru 2022 jingħad illi:

---

[23] Meħuda minn paġna 11 tad-dokument misjub fis-segwenti ħolqa: https://publicservice.gov.mt/en/Documents/Public%20Service%20Management%20Code/PSMC.pdf (aċċessat fil-11 t'Awwissu 2023).

“Madankollu, biex il-ġudizzju jkun sħiħ, il-qorti sejra tistħarreġ jekk fid-deċiżjonijiet tagħha, l-Awtorità konvenuta ħarsitx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji;

Fir-rigward tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, il-Qrati tagħna diġà esprimew il-fehmiet tagħhom kemm-il darba dwar il-kunċett ta’ ġustizzja naturali u tal-ksur tagħha. Hekk pereżempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Joseph Debono v. Phonica Systems Ltd, tad-19 ta’ Mejju 2004, ġie mtenni illi l-prinċipju tal-ġustizzja naturali jnissel żewġ regoli tradizzjonali ta’ “nemo judex in causa propria” u “audi alteram partem”. Intqal li “mal-ewwel regola hu allaċjat il-prinċipju notorju ta’ l-imparzjalità u allura tan-neċessità li mhux biss issir ġustizzja imma anke li jkun jidher manifest li ġustizzja qiegħda ssir (ara Avv. Dr. Antonio Caruana v. Caterina Gerada, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta’ Ottubru 1968). Fil-każ tat-tieni regola, din ħafna drabi tħaddan kull materja ta’ smigħ xieraq u tal-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi (ara Antonio Sammut v. John Bell McCance, Prim’ Awla, Qorti Ċivili, 29 ta’ Mejju 1946). Barra minn hekk, fi żminijiet pjuttost riċenti dan il-kunċett ġie mwessa’ biex iħaddan fih ukoll il-prinċipju li d-deċiżjonijiet mogħtija jridu jkunu motivati (ara Alfred Sant nomine v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell, 4 ta’ Marzu 1992);

Fir-rigward tal-ħtieġa proċedurali li kienet mandatorja, l-Imħallef Peter McClellan fis-sentenza fl-ismijiet Project Blue Sky Inc v. Australian Broadcasting Authority (1998) 194 CLR 355, jgħallimna li,

«Procedural error is an administrative failure to meet all the procedural requirements laid down by a statute that condition the exercise of a discretion. A procedural error may or may not be an error of law, depending on the statutory context. Having found an error the Court considers whether, having regard to the terms of the legislation, the Parliament intended that the particular error would result in the invalidity of the decision.»”

93. Fil-każ odjern, mill-qari tal-atti jirriżulta b’mod ċar li ma ġie miksur l-ebda wieħed mill-prinċipji ta’ ġustizzja naturali stabbiliti mill-ġurisprudenza.

94. Mix-xhieda tal-atturi ħarġu s-segwenti punti relevanti:
    (a) huma ingħataw il-possibilità li jirtiraw mis-servizz stante li kienu għamlu l-ħamsa u għoxrin sena servizz;
    (b) ġew informati li jekk ma jirreżenjawx ser jiġu sospiżi mix-xogħol fuq nofs paga;

(c) ġew informati wkoll li jekk jibqgħu fl-impjieg huma kienu jitilfu l-pensjoni tas-servizz jekk jinstabu ħatja mill-qrati kriminali;
(d) tal-anqas Joseph Buhagiar ġie informat milll-Maġġur Joseph Farrugia li jekk jirriżenja u jinsab ħati l-pensjoni jibqa' jeħodha (però l-imsemmi Maġġur ma kienx qallu kemm kienet ser tkun il-pensjoni);
(e) id-deċiżjoni sabiex jirtiraw mill-impjieg saret wara li ħadu parir legali;
(f) l-għażla jekk jirtirawx jew le kienet f'idejhom u waħda volontarja; u
(g) ilkoll qablu li ma ġewx imġiegħla jew furzati jirriżenjaw.

95. Il-Qorti tosserva li la r-Regolament 11 tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 164 u lanqas l-Artikolu 114 tal-Kostituzzjoni ma jindikaw il-proċedura li għandha tiġi adottata mill-Kap tad-Dipartiment. Regolament 11 jispjega li l-pensjoni in full tingħata meta s-servizz ikun sar tassew b'fedelta u b'mod meritevoli u fejn il-fedelta u l-bżulija ma jilħqux l-ewwel grad, il-pensjoni tingħata b'rata inqas. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 114(1) jipprovdi li benefiċċji li jitħallsu lill-uffiċjali pubbliċi fis-servizz pubbliku ma jistgħux jiġu miżmuma, imnaqqsa jew sospiżi minn persuna jew awtorità skond il-liġi, <u>jekk ma jkunx hemm qbil min-naħa tal-Kummissjoni</u>. Dak li jintalab mill-Kummissjoni huwa biss qbil (*concurrence*) fuq l-informazzjoni mogħtija lilha.

96. Hawn ukoll lanqas ma jista' jingħad li kien hemm nuqqas proċedurali. Il-qorti tqis li l-atturi fl-ebda ma indikaw liema ħtieġa proċedurali msemmija fil-Kostituzzjoni u/jew fil-Kapitolu 164 ġiet traskurata jew mhux osservata mill-konvenuti. Mingħajr identifikazzjoni tal-ħtieġa proċedurali mandatorja li suppost skond l-atturi ma ġietx imħarsa mill-konvenuti, il-pretensjoni tal-atturi fir-rigward ma ġietx sostanzjata u għalhekk qed tiġi respinta. Il-Qorti tqis illi mill-provi mressqa jirriżulta illi l-konvenuti aġixxew fil-parametri tal-Artikolu 114 tal-Kostituzzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, it-tieni eċċezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-ewwel eċċezzjoni tas-Segretarju Permanenti Ewlieni u tal-Uffiċju tal-Prim Ministru;

2. **Tiċħad** l-ewwel kif ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

3. **Tilqa’** t-tielet eċċezzjoni tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. **Tilqa’** l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-mertu;

5. **Tiċħad** l-ewwel talba attriċi stante li ma ġiex ippruvat li d-deċiżjoni sabiex il-pensjoni tas-Servizz tal-Pulizija tal-atturi titnaqqas bin-nofs pendenti l-investigazzjonijiet u l-proċeduri penali kontra tagħhom tikkostitwixxi egħmil amministrattiv *ultra vires* ai termini tal-Artikolu 469A (1) (b) (i) (ii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

6. **Tiċħad** it-tieni talba attriċi stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

**Bl-ispejjeż** kontra l-atturi.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
26 ta’ Settembru, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**